MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 127/1997/1

John Camilleri
vs
Maurice Zarb Adami ex-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Intern u l-Prim Ministru li gie kjamat fir-rikors b' digriet tat-23 ta' Marzu 1998

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi fl-1 ta' April 1995 sofra l-ewwel ingustizzja li meta kien l-aktar wiehed ikkwalifikat ghall-post ta' Manager tas-Sigurta` fl-ajruport gie michud minn dan il-post. It-tieni ingustizzja li saret mieghu meta hu kien kiteb lis-Segretarju tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzjil fit-12 ta' April 1995, biex iressaq l-ilmenti tieghu, dan kien gharrfu li l-ilment tieghu gie kkunsidrat bhala late application fit-terminu ta' l-Att 9.1.a ta' Att XV ta' l-1987 meta l-kaz ma kienx.

Fl-1985 attenda incident Management Course mal-Federal Aviation Administration (FAA) li kien jikkonsisti kif timmaniggja Hijack, Air Disaster, Bomb Threat, u Hostage Taking. Ghal dawn l-ahhar hames snin kien inkarigat mis-Sigurta` fl-Ajruport ta’ Malta. Matul dan iz-zmien attenda konrs internazzjonali fl-Istati Uniti rigward Civil Aviation Security u diversi Seminars dwar Civil Aviation Security kemm fl-Ewropa u kemm f’Malta.

Fil-Gazzetta tal-Gvern ta’ Malta tal-Gimgha 25 ta’ Marzu 1994 deher avviz ghall-applikazzjoni ghall-hatra ta’ Manager tas-Sigurta` fl-Ajruport ta’ Hal-Luqa. F’Paragrafu (1) ta’ l-istess gazzetta kien hemm li min ikollu esperjenza fis-sigurta` ta’ l-ajruport jinghata preferenza.

Il-Gimgha 20 ta’ April 1997 huwa applika ghall-imsemmi post u gie avzat biex jattendi interview fl-24 ta’ Awissu 1994, fil-Ministeru ta’ l-Intern. Attenda dan l-interview u meta dahal sab sitt membri tal-board immexxi mis-Sur Zarb Adami li kien Segretarju Permanenti tal-Ministru ta’ l-Intern, hafna minn dawn il-membri tal-board kien attenda xi korsijiet maghhom. Kif dahal is-Sur Zarb Adami staqsa lill-membri l-ohra x’ser jaqbdu jsaqsuh fuq is-sigurta` u wara li ma staqsew l-ebda mistoqsija dwar is-sigurta` ta’ l-ajruport, wiehed minnhom qal lil ohrajn li xi haga ghandhom isaqsuh u staqsewh biex jghidilhom xi haga fuq il-karriera militari tieghu, u hu rrisponda.

Xi xahar wara kien iltaqa’ mal-Ministru ta’ l-Intern Dr. L. Galea u dan kien staqsieh kif mar fl-interview, fejn hu rrisponda li kien mar tajjeb hafna. Xi hmistax wara kien iltaqa ma’ wiehed li kien fuq il-board u dan kien gie ferahlu ghax minn fost xi hamsin applikant hu kien mar tajjeb hafna ghax kien gie t-tieni. Hu dak il-hin hassu mbellah u staqsieh min kien gie l-ewwel, dan kien qallu. L-ghada ghamel appuntament mal-Ministru ta’ l-Intern u kellmu fuq din is-sitwazzjoni. Fejn dan kien gharrfu b’zewg affarijiet importanti hafna. (a) Li min kien gie l-ewwel kellu hafna certifikati imma hu cert li kellu kemm kellu certifikati ma kellux l-ebda certifikat rigward is-sigurta` ta’ l-ajruport u lanqas esperjenza ta’ xoghol fis-sigurta` ma kellu. (b) meta hu dahal ghall-interview membru tal-board, is-Sur

Louis Cilia kien nieqes. Ghaldaqstant ha marki nieqsa ta' wiehed mill-membri tal-board.

Zied li fit-2 ta' Frar 1995 hu kiteb lil Mr. M. Zarb Adami, Segretarju Permanenti tal-Ministru ta' l-Intern, li jkun apprezzat hafna jekk huwa joghogbu jinfurmah ufficjalment x'inhi il-posizzjoni tieghu rigward l-interview li kien ghamel. Fl-4 ta' Frar kien ircieva risposta mill-imsemmi segretarju li l-ittra qeghda tidi kkunsidrata u jekk ikun hemm bzonn jikunttatjawh. Fl-1 ta' April, 1995 dan il-post ta' Manager tas-Sigurta` fl-ajruport gie ufficjalment okkupat.

Fit-12 ta' April 1995, huwa kiteb lill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, fejn talab li xtaq iressaq l-ilment tieghu, l-istess ilment li qieghed iressaq quddiem it-Tribunal. Fit-18 ta' April 1995 ircieva minghand il-Kummissjoni fejn gharrfuh b'ittra datata fis-17 ta' April 1995 li kienu rcevew l-ilment tieghu.

Fit-18 ta' Gunju 1996 ircieva ittra ohra minghand l-istess Kummissjoni, li ggib id-data tas-17 ta' Gunju 1996 fejn gharrfuh li kienu raw l-ilment tar-rikorrent t'April 1995 u billi rrizulta li l-ingustizzja allegata tirreferi ghar-rizultat li gie ippubblikat fil-11 ta' Ottubru 1994, l-ilment gie kkunsidrat bhala late application fit-termini ta' art 9.1.a. Att XV ta' l-1987.

Fid-19 ta' Gunju 1996 ghal darba ohra rega' kiteb lill-Kummissjoni fejn gharrafha li bir-rispett kollu lejn il-Kummissjoni li f'dik id-data tal-11 ta' Ottubru, 1995 hadd ma kien gharrfu bil-pubblikazzjoni tar-rizultat u lanqas dan ir-rizultat ma hareg fil-Gazzetta tal-Gvern fid-data Imsemmija.

Zied li fit-2 ta' Frar 1995, hu talab lis-Segretarju Permanenti ta' l-Intern, is-Sur M. Zarb Adami biex jinfurmah ufficjalment bir-rizultat ta' l-Interview tieghu. Fit-3 ta' Frar 1995 il-Ministeru ta' l-Intern infurmawh b'ittra ufficcjali li l-ittra tieghu qieghda tigi kkunsidrata u jekk ikun hemm bzonn jinfurmawh. Ghaldaqstant hass li l-ilment tieghu ma setax ikun "Late Application" meta sat-3 ta' Frar

1995 lanqas l-istess Ministru ma gharrfu bir-rizultat li l-Kummissjoni qalet li kien hareg fil-11 ta' Ottubru 1994. Bir-rispett kollu lejn il-Kummissjoni raga talabhom li l-kaz tieghu jigi rivedut.

Fit-28 ta' Gunju 1996, il-Kummissjoni kitbitlu lura fejn gharrfitu ghal darba ohra li l-ilment tieghu huwa "Late Application".

Ghalhekk  hass li mieghu saru zewg ingustizzji.   Wahda meta kien l-aktar wiehed li kellu esperjenza fis-sigurtaa ta' l-ajruport u l-aktar wiehed li kellu kwalifiki,  u l-ohra meta huwa ressaq l-ilment tieghu quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u dawn gharrfuh li kienet "Late application".

Hu kien lest li jipprezenta c-certifikati tieghu u kull tip ta' korrespondenza li ghandha x'taqsam ma' dan l-ilment.

Ghaldaqstant huwa talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata kumpens xieraq ta' l-Ingustizzja li saret.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Prim Ministru li eccepixxa:

Illi hu mhuwiex il-legittimu kontradittur ta' l-ilment stante li l-process ta' l-ghazla ghal din il-kariga tmexxa mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi d-Direttur Generali, ***Management & Personnel Office*** fl-Ufficcju tal-Prim Ministru kelli xi jghid is-segwenti:

Illi permezz ta' avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Marzu 1994 kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta' ***Manager Airport Security***.

Illi r-rikorrent applika, ghamel l-intervista gab 86 marki minn total ta' 100 u gie fit-tieni post fl-***order of merit*** filwaqt li l-persuna li giet fl-ewwel post gabet 90 marki.

Illi l-kriterji li fuqhom mexa l-Bord ta' l-Ghazla kienu stabbiliti mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u kienu l-istess ghal kull applikant inkluz ir-rikorrent.

Illi l-Bord ta' Ghazla twaqqaf skond ir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u mexa skond il-proceduri u r-regolamenti ta' l-istess Kummissjoni.

Ghaldaqstant l-intimat talab li dan it-Tribunal joghgbu ma jilqax it-talba tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.
Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed l-Ispizjar Maurice Zarb Adami li semma li fil-fatt meta kien gie notifikat bir-rikors tar-rikorrent hu kien baghat risposta ghalih u esebixxa kopja ta' l-istess izda din kienet giet ritornata lilu minhabba li ma kenitx giet prezentata bil-forma preskritta.  Bazikament hu fix-xhieda tieghu semma li hu ex-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Intern u l-Izvilupp Socjali u li meta kienu gew nominati mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku Chairman tal-Bord tal-Ghazla ghall-hatra ta' Manager tas-Sigurta` fl-Ajruport ta' Hal-Luqa kien mitlub jiffirma dikjarazzjoni li ma kienx ser jiddiskuti d-dettalji tal-Bord ma' hadd hlief mal-membri tal-istess bord u ma' l-istess Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku u ghaldaqstant konxju mid-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (b) tal-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u anke biex ma jigix f' sitwazzjoni li allegatament wassal xi taghrif lill-istess John Camilleri

hass li mhux f' pozizzjoni li jirrispondi ghall-allegazzjonijiet maghmula mis-sur Camilleri.

Semma wkoll li dak iz-zmien mhux bhala chairman tas-selection board hu kellu kariga permanenti u kien appuntat mill-Gvern bhala spizjar pero` kien assenjat duties bhala Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Home Affairs and Social Development u ghalhekk id-data kienet qabel l-1994. Il-Ministru ta' dak iz-zmien kien l-Onorevoli Dr. Louis Galea. Bhala Segretarju Permanenti s-sur Zarb Adami kellu hatra permanenti ffirmata mill-Prim Ministru ghal dak l-iskop. L-Onorevoli Galea kellu r-responsabbilta` dak iz-zmenijiet anke tal-Airport Security u ghalhekk anke l-kariga li kien qed jitlob ghaliha r-rikorrent kienet taqa' taht il-Ministeru mmexxi mill-Onorevoli Louis Galea.

Ir-rikorrent minn naha tieghu xehed u kkonferma l-kontenut tar-rikors li jinsab a fol 1, 2 u 3 tal-process hlief dak li hemm fl-ewwel linja tar-raba' paragrafu fejn tissemma l-Gimgha 20 ta' April 1997 li ghandu jaqra l-Gimgha 20 ta' April 1994. Illi hu esebixxa wkoll l-Aircraft Security Procedure f' rapport kif ukoll rapport iehor bil-Flight Fuel Sample Procedure. Dwar il-kompozizzjoni tal-bord xehed li Louis Cilia ma kienx prezenti meta sar l-interview. L-interviews kienu saru fi tlett ijiem differenti u li meta kien hemm l-interview tieghu is-sur Cilia ma kienx prezenti.

Xehed Albert Caruana Senior Principal fl-MPO li semma li saret talba biex jigi esebit il-file bir-rizultat komplut tas-selection board riferibbli ghar-rikorrent u din it-talba saret lill-Prim Ministru pero` l-Prim Ministru ma laqax din it-talba u dan peress li hemm dokumenti kunfidenzjali tal-P.S.C.
Xehed is-Sur Vince Piccinino Officer Grade 5 fl-MPO u dwar il-kompozizzjoni tas-Selection Board in kwistjoni rrisponda li c-Chairman tieghu kien is-Sur Maurice Zarb Adami u kien hemm fil-bord is-Sur Louis Cilia, Joe Sultana, Andrew Seychell, Albert Camileri, Alphonse Cauchi, George Papagiorcopoulo u Richard Saliba. Semma li r-rikorrent gab erba' marki anqas minn dak li ntghazel u cioe` Marcel Cassar.

**KONKLUZJONIJIET:**
Issa hawnhekk ir-rikorrent ghazel li jistitwixxi l-kawza odjerna kontra l-Ispizjar Maurice Zarb Adami ex-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Intern u kontra l-Prim Ministru. L-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi:

"Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f' idejn il-Ministru jew xi ex-Segretarju Permanenti. Infatti hija biss eccezzjonali li tali rapprezentanza hi vestita f' Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom bilfors kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni valida ghaliex ghogbu jistitwixxi l-kawza kontra ex-Segretarju Permanenti ghax infatti dan irrizulta car mill-process li s-Sur Zarb Adami m' ghadux aktar Segretarju Permanenti u anqas li kieku ma kienet tkun istitwita tajba kawza kontra Segretarju Permanenti f' kaz simili. Ukoll kawza kontra Prim Ministru ghandha r-ragunijiet taghha meta tigi istitwita kontra l-Prim Ministru. Fil-kaz in ezami l-kawza messha giet istitwita kontra l-Kap tad-Dipartiment in kwistjoni u mhux kontra ex-Segretarju Permanenti jew kontra l-Prim Ministru. Ghalhekk l- l-Ispizjar Zarb Adami u anqas il-Prim Ministru ma huma l-legittimi kontraditturi. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et deciz 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta` Socjali deciz 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha deciz 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawnekk u ghal dawn il-motivi tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez kontra r-rikorrent.